MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2007

Appell Civili - Ghawdex Numru. 106/2003/2

**The General Soft Drinks Co. Ltd**

**vs**

**Micallef Paul u b' digriet tat-30 ta' Settembru 2004 gie nominat l-Avukat Dr. Chris Said kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-imsiefer Paul Micallef, u b' digriet tal-10 ta' Dicembru 2004 gie kjamat in kawza Richard Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Gunju 2006, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Il-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija u tmienja u ghoxrin lira 70 centezmu, bilanc minn somma akbar, ghall-provvista ta’ minerali fil-bar tal-kazin tal-football ta’ Sannat li kien qed jigi gestit mill-konvenut.

Bl-imghax legali mid-data tal-fatturi sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez tal-ittra interpellatorja tal-14 ta’ Lulju 2003”

Ra r-risposta tal-konvenut:

1) “It-talbiet tas-socjeta’ attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-konvenut qatt ma kellu l-gestjoni tal-bar tal-kazin tal-football ta’ Sannat f’idejh
2) Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.”

Ra r-risposta tal-kjamat fil-kawza Richard Azzopardi ta’ “Sweethaven”, Dun Luqa Street, Sannat, Ghawdex, bil-karta ta’ l-identita’ numru 13769g.

Illi preliminarjament il-pretensjonijiet attrici huma preskritti fil-konfront ta’ l-eccipjenti ai termini ta’ l-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta’ Malta.

Illi fil-mertu l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.

Illi l-eccipjenti qatt ma kellu l-ebda konnessjoni kwalsiasi mal-kazin tal-futbol ta’ Sannat u inqast qatt iggestieh.

Illi l-uniku kazin li kellu konnessjoni mieghu l-eccipjenti kien il-kazin tal-banda ta’ Sannat li jinsab bibien ‘il boghod mill-kazin tal-futbol. Ghalkemm dan il-bar tal-kazin kien f’isem l-esponenti, il-koncezzjoni relattiva giet mghoddija favur Paul Micallef b’effett minn Frar 2003.

Kwalunkwe ftehim li seta' sar mas-socjeta' attrici minn Paul Micallef sar unikament ghan-nom personali tieghu u fuq responsabilita' tieghu.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Jirrizulta li fil-kirja tal-bar li saret mas-socjeta' Muzikali (mhux tal-futbol kif erronjament indikat fl-avviz tat-talba) Santa Margerita tas-Sannat, Ghawdex, l-kjamat fil-kawza kien biss prestanome ghall-konvenut. Kien il-konvenut li fil-fatt kien jiggestixxi l-bar meta saret il-konsenja. Difatti, l-invoice tas-socjeta' attrici inharget f'isem il-konvenut u l-konsenja saret lilu.

U billi jirrizulta mill-provi mressqa li l-kreditu pretiz mis-socjeta' attrici huwa tabilhaqq dovut mill-konvenut

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jillibera lill-kjamat fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju, u konsegwentement it-Tribunal jastjeni milli jikkunsidra l-eccezzjonijiet l-ohrajn minnu mressqa filwaqt li jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fil-konfront tal-konvenut billi jikkundannah ihallasha s-somma ta' LM428.70 bilanc minn somma ikbar dovuta ghal provvista ta' xorb minerali lilu mibjugha u kkunsinnata mill-istess socjeta' bl-imghax legali mid-dati tal-konsenji sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-14 ta' Lulju 2003 kif ukoll dawk tal-imsejjah fil-kawza a kariku tal-konvenut.**"**

Is-socjeta` attrici hassitha aggravata b' din id-decizjoni u minnha intavolat l-appell odjern. Hi tikkwerela lit-Tribunal il-valutazzjoni tieghu tal-provi u ticcensurah li ma tax piz adegwat lill-fatt illi l-iskrittura ta' gestjoni tal-bar kienet sottoskritta mill-imsejjah fil-kawza;

Hi l-fehma ta' din il-Qorti illi l-aggravju sottomess lilha ma jimmerita ebda approfondiment zejjed minn dak li fir-realta` jisthoqqlu.  Il-kwestjoni kif impustata mis-socjeta` appellanti hi jekk it-Tribunal ghamelx gudizzju xieraq tal-provi.  Provi dawn li, fil-qosor, qed jigu replikati kif gej:-

(1) Il-konvenut kien jiggestixxi l-bar tal-Kazin tas-Socjeta` Muzikali Santa Margerita tas-Sannat meta saret il-konsenja li taghha qed jintalab il-hlas;

(2) Effettivament, l-*invoice* (fol. 11) inharget f' ismu;

(2) L-iskrittura tal-koncessjoni tal-gestjoni tal-bar (fol. 32) giet sottoskritta minn Richard Azzopardi, ir-ragel ta' oht il-konvenut. Ara deposizzjoni ta' Dr. Patrick Sciberras, President ta' l-imsemmi Kazin, li zied jaggungi li ma kienx xjenti ta' l-arrangament li seta' kien hemm bejn il-konvenut u l-kjamat in kawza;

Premessi dawn il-fatti hi disposizzjoni cara tal-ligi, ex-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 380, illi t-Tribunal irid jiddeciedi t-Talba quddiemu principalment skond l-ekwita`.  Li jfisser li t-Tribunal hu fakoltizzat jirrikorri ghall-principju intwittiv tal-prudenza li tidher hekk konsentita u ekwa fil-kuxjenza tieghu ghas-soluzzjoni tal-kontroversja.  Naturalment hu dejjem mistenni li dan il-principju jithares u jithaddem fil-konfini tal-fattispeci konkreti tal-kaz;

Kif taraha din il-Qorti, fuq ir-ri-ezami taghha tar-rizultanzi probatorji, tradott dak li appena nghad ghall-fattispeci pekuljari tal-kaz jidher evidenti bosta illi l-procediment logiku-intwittiv segwit mit-Tribunal ma jistax jitqies difettuz jew censurabbli.  Anzi jidher li kemm il-motivazzjoni tas-sentenza kif ukoll il-konkluzjoni taghha huma sorretti minn perkors argomentattiv li joffri rendikont car tal-process logiku segwit;

Ibda biex huwa ferm intwittiv mill-istess *invoice* esebita mis-socjeta` attrici illi l-ordni giet pjazzata maghha mill-konvenut u konsegwentement l-effetti tan-negozju kkonsolidaw ruhhom direttament ma' dan u mhux ukoll ma' l-imsejjah fil-kawza.  Jekk dan ta' l-ahhar kienx effettivament il-firmatarju u gestur tal-bar, jew x' arrangamenti kien hemm bejn dan u l-konvenut hu ghal kollox *res inter alios* ghall-finijiet tar-rapport kreditur-debitur ta' l-obbligazzjoni.  Jigi notat ukoll illi ma ngiebet ebda prova perswasiva illi l-konvenut kien qieghed jaghmel att guridiku u negozjali ghak-kont ta' l-imsejjah in kawza jew li dan ta' l-ahhar assuma, espressament jew tacitamnet, li jaghmel tajjeb ghall-hlas;

Lanqas ma taghmel prova konvincenti ghal din il-Qorti l-fatt li certi hlasijiet kienu jsiru b' cekkijet ta' Richard Azzopardi.  Dan ghaliex, kif inhu maghruf, l-intervent tat-terz li jissalda kontijiet ta' haddiehor tista' tkun kemm spontaneja kif ukoll dovuta in bazi ghal xi obbligu assunt minnu versu d-debitur.  Tali obbligu ma ghandu ebda rilevanza esterna u ma jgibx mieghu ebda effikacja diretta ghal kreditur;

Ma' dan irid jizdied illi ghall-istess socjeta` appellanti kien apparentement ben ovvju illi n-negozju kien minnha kkontrattat mal-konvenut u mhux ukoll ma' l-imsejjah fil-kawza.  Tant hu hekk illi hi stess ghazlet, korrettement fil-hsieb tal-Qorti, li tharrek lill-konvenut bhala l-litis konsorju taghha.  Meta l-qaghda hi hekk, ma ghandux jigi aspettat illi din il-Qorti, jew it-Tribunal qabilha, ghandhom joqghodu mhux fuq il-provi konkreti imma fuq supposizzjonijiet jew kongetturi illi l-konvenut kien qed jagixxi f' isem u fl-interess ta' xi terza persuna li maghha s-socjeta` appellanti ma kkuntrattatx.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata u tichad l-appell, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra s-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------